



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.2.2018  
COM(2018) 61 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara  
applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2017/008 DE/Goodyear**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>1</sup> (ir-“Regolament tal-FEG”).
2. Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni EGF/2017/008 DE/Goodyear għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji<sup>2</sup> fil-Goodyear Dunlop Tires Germany GmbH fil-Ġermanja.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

### SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2017/008 DE/Goodyear
L-Istat Membru	Il-Ġermanja
Ir-reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell NUTS 2 <sup>3</sup> )	Regierungsbezirk Karlsruhe (DE12)
Id-data tat-tressiq tal-applikazzjoni	Is-6 ta' Ottubru 2017
Id-data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	Is-6 ta' Ottubru 2017
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	It-23 ta' Ottubru 2017
Id-data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	L-4 ta' Diċembru 2017
L-iskadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	Is-26 ta' Frar 2018
Il-kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
L-intrapriża primarja	Goodyear
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	1
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) <sup>4</sup>	Id-Diviżjoni 22 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-lasktu u

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>2</sup> Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

<sup>4</sup> ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

	tal-plastik)
L-għadd ta' sussidjarji, fornituri u produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni	0
Il-perjodu ta' referenza (massimu ta' erba' xhur):	L-14 ta' Lulju 2017 - il-5 ta' Ottubru 2017
L-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	632
L-għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b)	14
L-għadd totali ta' sensji (a + b)	646
L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	646
L-għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	646
L-għadd ta' zghażaġh fil-mira barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs)	0
Il-baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	3 464 371
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG <sup>5</sup> (EUR)	144 348
Il-baġit totali (EUR)	3 608 719
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	2 165 231

## VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

### Proċedura

4. Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Ġermanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2017/008 DE/Goodyear fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess jum u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Ġermanja fit-23 ta' Ottubru 2017. Din l-informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien sitt ġimgħat mid-data tat-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta li fiha l-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja tiskadi fis-26 ta' Frar 2018.

### L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

#### *L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati*

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 646 ħaddiem li ngħataw is-sensja mill-Goodyear Dunlop Tires Germany GmbH. Din l-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 22 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti minerali oħra li mhumiex metalliċi). Is-sensji li ngħataw mill-Goodyear jinsabu prinċipalment fir-reġjun tan-NUTS il-livell 2 fir-reġjun ta' Regierungsbezirk Karlsruhe (DE12) fil-Ġermanja.

<sup>5</sup> Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

<b>L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza</b>	
Goodyear Dunlop Tires Germany GmbH	632

*Il-kriterji ta' intervent*

6. Il-Ġermanja rressqet l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġu li tal-inqas 500 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż il-ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-fornituri u mill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għall-applikazzjoni huwa mill-14 ta' Lulju 2017 sal-5 ta' Ottubru 2017.
8. Is-sensji matul il-perjodu ta' referenza huma kif ġej:
  - 632 ħaddiem li ngħataw is-sensja fil-Goodyear.

*Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività*

9. Is-sensji mogħtija matul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati kif ġej:
  - 632 mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur biex ikeċċi jew iwaqqaf il-kuntratt ta' impjeg tal-ħaddiem.

*Benefiċjarji eliġibbli*

10. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemnew, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 14-il ħaddiem li ngħataw is-sensja qabel jew wara l-perjodu ta' referenza. Dawn il-ħaddiema kollha ngħataw is-sensja wara t-tħabbira ġenerali tas-sensji previsti li saret fl-24 ta' Ottubru 2016. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għas-sensji matul il-perjodu ta' referenza
11. Għalhekk, l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 646.

*Rabta bejn is-sensji u bidliet strutturali ewlenin fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni*

12. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji dovuti għall-globalizzazzjoni, il-Ġermanja ssostni li l-globalizzazzjoni kellha impatt negattiv fuq il-produzzjoni tat-tajers ta' karożżi tas-segment B<sup>6</sup> fl-UE. Dan huwa dovut għall-fatt li, f'dawn l-aħħar snin, il-fornituri Asjatiċi ggwadanjaw ishma sinifikanti fis-suq .
13. Filwaqt li l-produzzjoni tal-karożżi tal-passiġġieri fl-UE-27, li naqset b'mod drastiku fil-kriżi finanzjarja, reġgħet tikber matul dawn l-aħħar snin, damet sal-2016 biex tikseb il-livell li kellha fl-2006. Skont l-analiżijiet tal-[Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi](#) (ACEA), fl-2016, il-bejgħ tal-karożżi ż-żgħar baqa' taħt il-livell tiegħu tal-2005. Madankollu, is-sehem mis-suq globali tal-vetturi bil-mutur manufatturati fl-Ewropa naqas minn 35 % fl-2001 għal 23% fl-2016. Is-sehem mis-

<sup>6</sup> Is-suq tat-tajers ġeneralment hu magħmul minn żewġ segmenti, iddefiniti skont id-daqs tar-rim tar-rotta. Is-segment B ikopri d-daqsijiet tar-rim minn 13 sa 16-il pulzier, normalment użati għal vetturi żgħar jew ta' daqs medju filwaqt li s-segment A jkopri l-firxa ta' 17 sa 22 pulzier, tipikament għal karożżi akbar.

suq globali taċ-Ċina matul l-istess perjodu kiber minn 5 % għal 30 %<sup>7</sup>. Il-produzzjoni tal-karozzi fl-Asja rat żieda ta' 45 % matul l-aħħar għaxar snin<sup>8</sup>.

14. Mill-2015 sal-2016, l-importazzjonijiet fl-UE żdiedu bi 22 %, filwaqt li l-esportazzjonijiet naqsu bi 3 %<sup>9</sup>. Għalkemm ħafna mill-vetturi importati jiġu mit-Turkija (is-sehem mis-suq hu ta' 29 %), l-aktar tkabbir b'saħħtu ta' importazzjonijiet ta' vetturi bil-mutur bejn l-2015 u l-2016 inkiseb mill-Indja (żieda ta' 31 %), segwita mill-qrib mill-Afrika t'Isfel (29 %) u mill-Ġappun (20 %)<sup>10</sup>. L-istrateġiji fit-tul tas-suq tal-karozzi u tal-manifatturi tat-tajers ukoll iridu jiġu allinjati mar-rati ta' tkabbir potenzjali. Billi l-motorizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea żdiedet biss b'9 % mill-2005 sal-2015, il-motorizzazzjoni fl-Asja/Oċeanja żdiedet b'140 %, u fl-Amerika Ċentrali u t'Isfel b'59 % matul l-istess perjodu<sup>11</sup>.
15. Għalhekk, is-suq tat-tajers globali nbidel ukoll b'mod sinifikanti sa mill-bidu ta' dan il-millennju. Filwaqt li t-tliet atturi globali l-kbar Bridgestone, Michelin u Goodyear kienu jgħoddu għal 57 % tal-produzzjoni globali tat-tajers fl-2000, fid-dinja kollha s-sinifikat tagħhom naqas għal 38 % sal-2013. Matul l-istess perjodu, is-sehem mis-suq tal-manifatturi Asjatiċi miċ-Ċina, it-Tajwan u Singapor żdied minn 4 % fl-2001 għal 20 % fl-2013, skont studju intern minn Ernst & Young Consulting. Skont l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tat-Tajers u tal-Gomma (ETRMA), mill-10 manifatturi tat-tajers li ġġeneraw l-ogħla fatturat fl-2016, sitta kienu mill-Asja<sup>12</sup>.
16. Fl-2015, fl-UE, l-importazzjonijiet tat-tajers (130 miljun tajer) sebqu bil-bosta l-esportazzjonijiet (74 miljun). Il-produzzjoni tal-UE tat-tajers fl-2015 (4,9 miljun tunnellata) xorta kienet kemxejn inqas miċ-ċifra tal-output tal-2007 (5,1 miljun tunnellata)<sup>13</sup>.
17. Studju ppubblikat mill-istitut tar-riċerka tas-suq Gesellschaft für Konsumforschung juri li filwaqt li 77 % tat-tajers mibjugħin fil-Ġermanja fl-2005 kienu tas-segment tat-tajers B, tali daqsijiet tat-tajers kienu jgħoddu għal 43 % biss tal-bejgħ fil-Ġermanja fl-2014, u dan jirrifletti ċ-ċaqliq tal-produzzjoni tal-vetturi żgħar lejn is-swieq li qed jikbru fl-Asja u fl-Amerka t'Isfel<sup>14</sup>.

<sup>7</sup> ACEA The Automobile Industry Pocket Guide 2017-2018 <http://www.acea.be/publications/article/acea-pocket-guide>

<sup>8</sup> OICA 2017: Statistics, <http://www.oica.net/category/production-statistics/>

<sup>9</sup> Eurostat 2017 Il-kummerċ barra l-UE ta' vetturi bil-mutur, skont il-kategorija, 2013-2016 (EUR miljun), [http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/File:Extra\\_EU\\_trade\\_of\\_motor\\_vehicles,\\_by\\_category,\\_2013-2016\\_\(EUR\\_million\).png](http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/File:Extra_EU_trade_of_motor_vehicles,_by_category,_2013-2016_(EUR_million).png)

<sup>10</sup> ACEA The Automobile Industry Pocket Guide 2017-2018 <http://www.acea.be/publications/article/acea-pocket-guide>

<sup>11</sup> ACEA The Automobile Industry Pocket Guide 2017-2018 <http://www.acea.be/publications/article/acea-pocket-guide>

<sup>12</sup> ETRMA 2017: Statistika - Edizzjoni 2016, Nru 8, <http://www.etrma.org/uploads/Modules/Documentsmanager/20161208---statistics-booklet-2016-final5.pdf>.

<sup>13</sup> ETRMA 2017: Statistika - Edizzjoni 2016, Nru 8, <http://www.etrma.org/uploads/Modules/Documentsmanager/20161208---statistics-booklet-2016-final5.pdf>

<sup>14</sup> GfK 2015: GfK Retail Sales Tracking Data, Tire Trade Germany, Jan-Dec 2005 to Jan-Dec 2014, <https://blog.gfk.com/wp-content/uploads/2015/04/01-a.png>

18. Sal-lum, is-settur taħt id-Diviżjoni 22 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik) ma kienx is-suġġett ta' applikazzjoni tal-FEG<sup>15</sup>.

*Avvenimenti li wasslu għas-sensji u l-waqfien tal-attività*

19. L-avveniment li wassal għal dawk is-sensji huwa l-għeluq għalkollox tal-impjant tal-produzzjoni tal-Goodyear f'Philippsburg. Il-Goodyear Tire & Rubber Company ġiet stabbilita f'Akron, Ohio, fl-Istati Uniti, fl-1898 u hija fost il-manifatturi tat-tajers ewlenin fid-dinja. Fl-1954, ġiet stabbilita Deutsche Goodyear GmbH, u fl-1966 beda l-bini tal-fabbrika tat-tajers tal-kumpanija f'Philippsburg. Bħalissa l-Goodyear Dunlop għandha madwar 7 600 impjegat fil-Ġermanja. Il-kwartieri ġenerali Ġermaniż tagħha huwa f'Hanau. Fil-Ġermanja hemm impjanti oħra fi Fürstenwalde, Wittlich, Riesa u Fulda.
20. Peress li l-produzzjoni tal-karozzi fl-UE u s-sehem mis-suq naqsu bħala riżultat tal-globalizzazzjoni, kien hemm kapaċità żejda sinifikanti fis-segment B fil-Goodyear li kien jammonta għal madwar ħames miljun tajer fl-istabbiliment tal-produzzjoni integrata tal-kumpanija fl-Ewropa. Dan jikkorrispondi għall-kapaċità medja annwali ta' impjant wieħed tal-produzzjoni. Għalhekk, il-Goodyear ingaġhlet tagħlaq waħda mill-fabbriki tagħha fl-Ewropa. Il-Goodyear iddeċidiet li tagħlaq l-impjant f'Philippsburg li għandu l-ikbar kapaċità tal-produzzjoni għal tajers fis-segment B fost l-impjanti Ewropej tal-Goodyear. Għalhekk, fl-24 ta' Ottubru 2016, il-maniġment tal-Goodyear ħabbar li l-fabbrika tat-tajers f'Philippsburg, bi 888 ħaddiem, kellha tagħlaq fl-2017.
21. Fis-26 ta' April 2017, il-Goodyear ikkonkludiet ftehim kollettiv li jirregola t-termini tas-sensji mat-trade union IG BĊE. Wara taħdidiet mal-kunsill tax-xogħol, dan il-ftehim kollettiv ġie inkorporat fi skema tal-għoti tas-sensji. Il-produzzjoni twaqqfet diġà fil-15 ta' Lulju 2017, u l-għeluq tal-fabbrika tħabbret fil-31 ta' Diċembru 2017.
22. Is-sħab soċjali qablu fuq il-ħolqien ta' żewġ kumpaniji ta' trasferiment. Il-ħolqien ta' kumpanija ta' trasferiment mhuwiex obligatorju skont il-liġi Ġermaniża. Ma hemm l-ebda obligu fuq in-naħa tal-kumpanija li tat is-sensji li tikkontribwixxi lejn il-ħolqien ta' kumpanija ta' trasferiment. Mingħajr il-parteċipazzjoni tal-kumpanija li tat is-sensji, l-ebda kumpanija ta' trasferiment ma kienet tinħoloq. Jekk il-kumpanija li tat is-sensji toffri li tipparteċipa, u jekk is-sħab soċjali jaqblu li joħolqu kumpanija ta' trasferiment, il-liġi soċjali Ġermaniża tistabbilixxi l-qafas legali (§§ 110 u 111, SGB III).
23. Il-kumpaniji ta' trasferiment se jitmexxew mill-weitblick - personalpartner GmbH, kumpanija li s-sid tagħha hu l-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Ġermaniżi (Deutscher Gewerkschaftsbund - DGB). 646 mill-ħaddiema ffirmaw ftehim tripartiku li skontu jingħaqdu mal-kumpanija ta' trasferiment mat-tmiem uffiċjali tal-impjieg tagħhom mal-Goodyear. 632 iffirmaw il-ftehim fil-perjodu ta' referenza, 14 oħra kienu għadhom ma jistgħux jiffirmaw minħabba l-liv tal-maternità, eċċ, iżda huma mistennija jiffirmaw qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt mal-Goodyear. Il-persuni li

<sup>15</sup> Is-settur tar-Reviżjoni 2 tad-Diviżjoni 29 tan-NACE (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) kien soġġett għal 23 applikazzjoni għall-FEG, bi 13 minnhom ibbażati fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ u 10 fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Fil-maġġoranza ta' dawn il-każijiet, iż-żewġ kriterji (il-globalizzazzjoni u l-kriżi) influwenzaw f'livelli differenti d-deċiżjoni li tingħata sensja lill-ħaddiema. Huwa mbagħad f'idejn l-Istat Membru li jiddetermina liema kienet il-kawża prinċipali f'applikazzjoni speċifika u li jipprovdi analiżi raġunata tal-konnessjoni bejn is-sensji u dak il-kriterju partikulari, billi juri kawżalità ċara.

għażlu li ma jidħlux mal-kumpanija ta' trasferiment kienu sabu xogħol għdid diġà, jew iddeċidew li jirtiraw.

24. Il-Goodyear għamlet il-ħlasijiet għat-terminazzjonijiet, qablet fuq iż-żieda fl-allowance tat-taħriġ (Transferkurzarbeitergeld) u pprovdiet baġit għat-taħriġ mill-għdid ta' madwar EUR 3 000 għal kull impjegat. Il-perjodu ta' trasferiment ta' kull impjegat huwa kkalkulat abbażi tat-tul tas-servizz mal-kumpanija u jammonta għal massimu ta' sena.
25. L-għajjnuna addizzjonali tal-FEG se tintuża biex tikkumplimenta l-miżuri u tista' tintuża wkoll biex testendi t-tul tal-miżuri individwali. 595 ħaddiem daħlu fl-ewwel kumpanija ta' trasferiment fl-1 ta' Jannar 2018. Hekk kif 51 ħaddiem ieħor jibqgħu fl-impjieg biex jiżmantellaw l-impjant tal-Goodyear, tinħoloq it-tieni kumpanija ta' trasferiment sabiex il-ħaddiema li jibqa', ikunu jistgħu jingħaqdu mat-tieni kumpanija ta' trasferiment fl-1 ta' April 2018.

*L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi*

26. Is-sensji huma mistennija li jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali. Il-belt ta' Philippsburg, b'madwar 13 000 abitant, tinsab fid-distrett tal-Aġenzija Pubblika tal-Impjiegi (PES) ta' Waghäusl, b'popolazzjoni totali ta' madwar 60 000. Is-settur terzjarju jgħodd għal 48 % biss tal-impjiegi u għalhekk hija sottorappreżentata meta mqabbla mal-Istat Federali ta' Baden-Württemberg b'mod sħiħ (63 %). Ir-reġjun hu karatterizzat primarjament minn proporzjon ogħla mill-medja ta' nies li jaħdmu fis-settur tal-manifattura. Meta mqabbla mad-distretti ġirien, ir-rata tal-qgħad fir-reġjun ta' Waghäusl huwa pjuttost għoli, u hu ta' 5,7 % (f'Ġunju 2017), meta mqabbel ma' 3,3 % fid-distrett ġar ta' Karlsruhe. Il-qgħad fiż-żona ta' Waghäusl qed jiżdied, u hu 17 % ogħla mis-sena preċedenti. Iċ-ċittadini bi sfond ta' migrazzjoni u nies kbar fl-età, jidhru li huma l-aktar żvantaġġati fis-suq tax-xogħol reġjonali. 25 % ta' daww qiegħda huma ċittadini barranin, u xi terz ta' daww qiegħda fit-tul li jiddependu mis-servizz soċjali għandhom 55 sena jew aktar. Proporzjon kbir tal-ħaddiema li ġew issensjati mill-Goodyear jaqa' wkoll f'daww il-kategoariji.
27. L-impjant tal-Goodyear kien l-akbar impjegatur fir-reġjun, it-tieni l-akbar hu l-impjant tal-enerġija nukleari. Minħabba d-deċiżjoni tal-Ġermanja li tkun ħielsa mill-enerġija nukleari, l-impjant tal-enerġija nukleari dalwaqt jingħalaq fis-snin li ġejjin. Bosta kumpaniji żgħar jew ta' daqs medju fir-reġjun issensjaw mijiet ta' ħaddiema, pereżempju, fis-sajf tal-2017, 146 ruħ ġew issensjati minn kumpanija li topera fl-industrija tal-karozzi, jew 144 ruħ ġew issensjati minħabba l-għeluq ta' manifattur tal-preses. Ir-reġjun qed iħabbat wiċċu ma' bidla strutturali. Għalhekk, il-PES fassal strateġija għall-kwalifiki u l-ħiliet, li tieħu kont kemm tal-ħtiġijiet (futuri) tas-suq tax-xogħol kif ukoll tal-livell tal-kwalifiki tal-ħaddiema konċernati.

## **Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti**

*Benefiċjarji fil-mira*

28. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 646. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Il-kategorija	L-għadd ta' benefiċjarji fil-mira (perċentwali)
---------------	---

		arrotondati)	
Sess:	Irġiel:	641	(99,23 %)
	Nisa	5	(0,77 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	493	(76,32 %)
	ċittadini mhux tal-UE:	153	(23,68 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	15	(2,32 %)
	25-29 sena:	33	(5,11 %)
	30-54 sena:	428	(66,25 %)
	55-64 sena:	168	(26,01 %)
	iktar minn 64 sena:	2	(0,31 %)

#### *L-eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti*

29. Kif stipulat hawn fuq, is-sħab soċjali qablu fuq il-ħolqien ta' żewġ kumpaniji ta' trasferiment li se jkopru żewġ lottijiet differenti ta' ħaddiema mogħtija s-sensja tal-impjant tal-Goodyear li ser jidħlu jew fl-ewwel kumpanija ta' trasferiment fl-1 ta' Jannar 2018 jew fit-tieni kumpanija ta' trasferiment fl-1 ta' April 2018, rispettivament. Il-miżuri addizzjonali offruti mill-Goodyear qed jingħataw ukoll mill-kumpanija ta' trasferiment, iżda mhumiex parti mill-applikazzjoni tal-FEG. Il-miżuri kollha deskritti hawn taħt jikkombinaw flimkien biex jiffurmaw pakkett ta' servizzi personalizzati kkordinati mill-kumpaniji ta' trasferiment u għandhom l-għan li jintegraw mill-ġdid fix-xogħol lill-ħaddiema mogħtija s-sensja.
30. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:
- Miżuri għat-titjib tal-ħiliet: Dawn huma offruti lil ħaddiema eliġibbli wara l-ħolqien ta' profili u intervisti ta' gwida dwar il-karriera, u għandhom l-intenzjoni li jgħinuhom jibbenefikaw mill-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol. Il-korsijiet ta' taħriġ offruti se jiffukaw fuq setturi bi prospetti futuri, bħalma huma x-xogħol fil-metall u fis-setturi tal-imħażen. Il-korsijiet jistgħu jingħataw individwalment jew fi gruppi, u jvarjaw minn kompetenzi bażiċi għal korsijiet għat-titjib tal-ħiliet u korsijiet li jippreparaw il-parteċipanti għal bidliet fil-karriera. Il-korsijiet tal-lingwa Ġermaniża se jkunu ta' punt fokali partikolari għall-parteċipanti b'livell baxx ħafna ta' ħiliet tal-lingwa Ġermaniża.
  - Gruppi ta' pari/Gruppi ta' ħidma: Dawn se jkunu fora ta' gruppi assistiti minn faċilitatur, li se jgħin lill-parteċipanti jaqsmu ideat u riflessjonijiet. Il-gruppi ta' pari jistgħu jiffokaw fuq firxa ta' suġġetti, bħall-ġestjoni tal-ħin, l-awtoġestjoni, il-promozzjoni ta' miżuri tas-saħħa jew gruppi speċjali ta' pari għall-parteċipanti bi sfond ta' migrazzjoni. Qiegħda tiġi offruta varjetà ta' workshops, bħalma huma workshops dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jew dwar il-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi.



- Servizz ta' pariri dwar il-bidu ta' negozju: Dan se jinkludi pakkett ta' servizzi ta' konsulenza għal dawk interessati li jibdew in-negozji tagħhom stess. Dawn is-servizzi se jinkludu miżuri ta' kowċing imfassla apposta u individwalizzati.
  - Tfittxija għal impjeg: Il-job scouts professjonali se jgħinu biex jidentifikaw postijiet tax-xogħol vakanti potenzjali li għadhom ma ġewx ippubblikati, li jistgħu jissodisfaw xi ħaddiema eliġibbli. Hemm ippjanata wkoll fiera tal-impjegi.
  - Mentoring ta' segwitu/l-iżgurar tal-impjegi: Il-ħaddiema jistgħu jibbenefikaw minn servizzi oħrajn ta' konsulenza ta' gwida wara li jibdew jaħdmu fl-impjieg il-ġdid biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni fl-impjieg il-ġdid u biex jitnaqqas ir-riskju ta' telf ta' impjegi.
  - Allowance tat-taħriġ: Il-ħlas jibda mid-data li fiha l-ħaddiem jidħol fil-kumpanija ta' trasferiment, u jintemm hekk kif il-persuna titlaq minn mal-kumpanija ta' trasferiment.
31. Il-proġett se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fil-Ġermanja. Il-miżuri huma organizzati skont l-istrateġija ta' sostenibbiltà tal-Ġermanja, u l-weitblick - personalpartner GmbH, li ġiet fdata bit-twaqqif taż-żewġ kumpaniji ta' trasferiment, għandha ċertifikazzjoni tas-sostenibilità.
32. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fil-qafas tal-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jiddux post miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
33. Il-Ġermanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex sejra tiegħu post dawn l-azzjonijiet.

#### *Baġit stmat*

34. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 3 608 719, li jinkludu nefqa ta' EUR 3 464 371 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 144 348 għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.
35. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 2 165 231 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' parteċipanti	L-ispiża stmata (arrotondata) għal kull parteċipant <sup>16</sup> (f'EUR)	L-ispejjeż totali stmati (f'EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Miżuri għat-tiġib tal-ħiliet (Qualifizierungsmaßnahmen)	288	4 512	1 299 516
Gruppi ta' pari/workshops	276	1 294	357 086

<sup>16</sup> L-ispejjeż totali stmati diviżi bl-għadd stmat ta' parteċipanti; il-medja tal-ispejjeż stmati għal kull parteċipant ġew approssimati sabiex jiġu evitati d-deċimali.

Servizz ta' pariri dwar il-bidu ta' negozju (Existenzgründerberatung)	30	1 690	50 710
Tfittxija ta' Xogħol (Stellenakquise)	350	369	129 319
Mentoraġġ ta' segwitu/ta' impjeg (Nachbetreuung/Beschäftigungssicherung)	646	643	415 211
Is-subtotal (a): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	2 251 842 (65 %)
L-allowances u l-inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Benefiċċju għat-taħriġ (Transferkurzarbeitergeld)	646	1 877	1 212 529
Is-subtotal (b): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	1 212 529 (35 %)
L-azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. L-attivitajiet preparatorji		–	21 652
2. Ġestjoni		–	79 391
3. L-informazzjoni u l-pubbliċità		–	7 218
4. Il-kontroll u r-rapportar		–	36 087
Is-subtotal (c): Il-perċentwal tal-ispejjeż totali:		–	144 348 (4 %)
L-ispejjeż totali (a + b + c):		–	3 608 719
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)		–	2 165 231

36. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Ġermanja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet huma soġġetti għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fit-tfittxija għax-xogħol jew l-attivitajiet ta' taħriġ.

*Il-perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa*

37. Il-Ġermanja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Jannar 2018. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Jannar 2018 sal-1 ta' Jannar 2020.
38. Il-Ġermanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fis-7 ta' Lulju 2017. Għalhekk, in-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u

pubbliċità kif ukoll dawk ta' kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mis-7 ta' Lulju 2017 sal-1 ta' Lulju 2020.

*Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni*

39. Is-sorsi tal-prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huma l-baġit Federali u l-Bundesagentur für Arbeit (is-Servizz Federali għall-Impjieg Pubbliku). Dawn jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni nazzjonali ta' 40 % tal-ispejjeż totali tal-miżuri ffinanzjati mill-FEG offruta mill-kumpanija ta' trasferiment<sup>17</sup>.
40. Il-Ġermanja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

*Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali*

41. Il-Ġermanja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mal-partijiet kollha konċernati, b'mod partikolari mar-rappreżentanti tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja, is-sħab soċjali u l-awtoritajiet reġjonali. Għall-ippjanar ta' miżuri sostnuti mill-FEG, il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali kellu taħditiet mal-Goodyear, il-kunsill tax-xogħol, it-trade union IG BĊE kif ukoll il-PSE biex jiddiskutu l-ambitu għall-appoġġ possibbli mill-FEG. Waqt taħditiet madwar mejda fis-7 ta' Lulju 2017, il-partijiet kollha kkonċernati taw approvazzjonijiet ċara għal applikazzjoni possibbli tal-FEG. Il-partijiet kollha kienu qed jikkooperaw mill-qrib, u fit-18 ta' Settembru 2017, il-kunċett għall-pakkett ippjanat ta' miżuri personalizzati ġie ppreżentat mill-PES

### **Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

42. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi amministrata mill-istess entitajiet fil-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (Bundesministerium für Arbeit und Soziales) li jiġġestixxu l-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Madankollu, fi ħdan il-“Gruppe Europäische Fonds für Beschäftigung”, huwa r-“Referat EF 4” li taġixxi bħala l-awtorità maniġerjali għall-FEG, filwaqt li l-awtorità maniġerjali għall-FSE hija r-“Referat EF 1”. L-“Organisationseinheit Prüfbehörde” hija l-awtorità ta' kontroll kemm għall-FEG kif ukoll għall-FSE. Dawn l-entitajiet jiġġestixxu wkoll il-kontribuzzjonijiet preċedenti mill-FEG lill-Ġermanja. Xi wħud mill-kompiti tal-awtorità maniġerjali tasl-FEG ġew delegati b'mod permanenti lill-PES bi ftehim amministrattiv.

### **Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat**

43. Il-Ġermanja tat l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
  - il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-ttrattament u ta' nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,

<sup>17</sup> Il-forniment tal-pakkett ta' servizzi personalizzati, magħmul mill-ħlas tal-allowances kif ukoll minn miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, jistgħu jibdeu malli l-ħaddiema jidħlu uffċjalment mal-kumpanija ta' trasferiment (mill-1 ta' Jannar 2018 jew mill-1 ta' April 2018, rispettivament). Mill-bidu nett, il-ħaddiema jitħallsu l-allowances tat-taħriġ (it-“Transferkurzarbeitergeld”), li huma eliġibbli għall-kofinanzjament tal-FEG filwaqt li l-ħaddiema ssensjati jsegwu miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol.

- ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
- Il-Goodyear, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha li jirregolaw is-sensji u pprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,
- l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu għajnuna finanzjarja minn fondi oħrajn jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
- l-azzjonijiet proposti se jikkumplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

## **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

### **Proposta baġitarja**

44. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>18</sup>.
45. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u b'kont meħud tal-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni qed tippromponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 2 165 231, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
46. Id-deċizzjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>19</sup>.

### **Atti relatati**

47. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċizzjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 2 165 231 għall-intestatura baġitarja rilevanti.
48. Fl-istess waqt li se tadotta din il-proposta għal deċizzjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċizzjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċizzjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

<sup>18</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>19</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2017/008 DE/Goodyear**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>20</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>21</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom meta l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013<sup>22</sup>.
- (3) Fis-6 ta' Ottubru 2017, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji il-Goodyear Dunlop Tires Germany GmbH fil-Ġermanja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Il-FEG jenħtieġ, għalhekk, li jkun immobilizzat biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 165 231 fir-rigward tal-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja.
- (5) Sabiex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG jitnaqqas kemm jista' jkun, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

<sup>20</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>21</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>22</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2018, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 165 231 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[the date of its adoption]*\*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*